# KUNSILL LOKALI San Pawl il-Baħar

## San Pawl il-Baħar Local Council

*Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3418 – Malta.*
*Tel: 21585888, 21585801, 21570869/70, 31013055*
*Fax: 21583058*
*E-Mail: sanpawlil-bahar@gov.mt*
*Web Site: www.stpaulsbay-online.com*


**Minuti tas-Seba' u Għoxrin (27) Laqgħa tas-Sitt (06) Kunsill tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 4 ta' Frar 2010 fil-5.30 ta' filgħaxija.** Data u ħin

** ***Preżenti għal-Laqgħa***: Attendenza

| | |
|---|---|
| Il-Perit Graziella Galea | Sindku |
| Is-Sur Peter Abela | Kunsillier |
| Is-Sur Ray Bartolo | Kunsillier |
| Is-Sur Alexander Bezzina | Kunsillier |
| Is-Sur Jason Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Camilleri | Kunsillier |
| Is-Sur Frank Gauci | Kunsillier |
| Is-Sur Raymond Tabone | Kunsillier |
| Is-Sur Martin Zerafa | Kunsillier |
| Rose Camilleri | Segretarju Eżekuttiv |

***Skużati għal-Laqgħa:***

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Bray | Viċi-Sindku |
| Is-Sur Alfred Grima | Kunsillier |

Il-laqgħa bdiet fil-5.45pm minħabba nuqqas ta' kworum. Is-Sindku ppreżentat ittra hawn annessa mibgħutha mill-Viċi-Sindku fejn skuża ruħhu li ma jistax jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill minħabba eżami mediku, u email hawn annessa mibgħutha mill-Kunsillier Alfred Grima fejn skuża ruħhu li ma jistax jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill minħabba mpenji ta' safar . Il-Kunsill aċċetta dawn ir-raġunijiet. Skużati mil-laqgħa

1.00 **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Ħamsa u Għoxrin (25) Laqgħa tal-Kunsill**

Il-Minuti tal-Ħamsa u Għoxrin (25) Laqgħa tas-Sitt Kunsill li ġew imqassma qabel il-laqgħa ġew meħudha bħala moqrija. Wara li saru l-korrezzjonijet meħtieġa dawn ġew approvati u ffirmati. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti 25

* Il-Kunsillier Alex Bezzina daħal fil-kamra.

2.00 **Punti Mqajma (Laqgħa 25)**

2.01 Ġie deċiż li nagħtu tlett ġimgħat ċans lill-avukat tal-Kunsill sabiex jiffissa appuntament mal-avukat tal-kuntrattur abbinat mal-5% managment fee u jikklerja kull ordni ta' xogħol li hemm pendenti. Jekk ma jsirx dan, il-Kunsill jista' jiddeċiedi mod ieħor. 5% *management fee*

2.02 Ġiet imsejħa laqgħa dwar pre-call għal proġetti b'aktar minn € 2 miljuni fil-qalba tal-lokalita.li għaliha attendiet is-Sindku u l-Kunsillier Ray Bartolo. Għandha tissejjaħ laqgħa oħra fejn ser jingħataw aktar dettalji. Memo 11/2010: ERDF Axis 2

2.03 Ġie approvat li l-Kunsill jestendi l-espressjoni ta' interess għall-akkwist ta' bini biex iservi bħala binja amministrattiva tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar. Fadal xi żewġ binjiet, waħda fi Triq Toni Bajjada u oħra fi Triq San Pawl sabiex naraw; li għandhom jiġu nklużi ma' xi oħrajn li nistgħu nirċevu. Il-membri tal-bord ġew mitluba jissottomettu rapport b'mod individwali fuq dawk il-binjiet li diġa rajna. Espressjoni ta' Interess għall-Akkwist ta' Bini biex Iservi bħala Binja Amministrattiva tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.

2.04 Il-Kunsill approva li jinġabru tlett kwotazzjonijiet bl-ispeċifikazzjonijiet mħejjija mill-Kunsillier Ray Bartolo għall-funtana ta' Burmarrad. — Espressjoni ta' Interess għall-Funtana ta' Burmarrad

2.05 Ġie deċiż li tintbagħat ittra ta' tifħir lill-organizzaturi. Il-fondi mirbuħa li jammontaw għal € 5000, għandhom jintużaw għal-Luljufest 2010. Il-Kunsill qabel. — *Local Enterprise Award*

2.06 Il-Kunsill ġie magħżul sabiex jipparteċipa f'Science in the Community'. Ġie deċiż li l-attivita' ssir bejn l-aħħar ta' April u l-bidu ta' Mejju 2010. — Attivita'

2.07 Wara li l-Kunsill ġie nfurmat li t-titlu tal-ġnien ta' quddiem il-Lukanda Dolmen isejjaħ lill-istess lukanda ġie deċiż li għandha ssir laqgħa mal-*general manager* tal-lukanda u li jinġieb il-kuntratt dwar it-titlu ta' din l-istess art. — Ġnien Dolmen

2.08 Il-Kunsillier Martin Zerafa talab follow-up dwar x'azzjoni ttieħdet mill-pulizija dwar is-sandwichboards. — Sandwich Boards

2.09 Wara li d-Dipartiment tal-Artijiet rrisponda li mhux magħruf sid din l-art, ġie deċiż li nistaqsu lil-Land Registry. — Art ħdejn is-Santana

2.10 Dawn is-siġar tħawlu. — Siġar tal-Milied

* Il-Kunsillier Mario Camilleri ħareġ mill-kamra.

2.11 Ġie propost li tintbagħat ittra lill-għaqdiet sabiex jagħtu l-programm tal-attivitajiet tagħhom. — Ktieb tal-attivitajiet

* Il-Kunsillier Mario Camilleri daħal fil-kamra.

**3.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet**

3.01 **Ref:55/878/10/I:** Il-Kunsill approva li jibqa' miexi bil-proċess ta' din l-applikazzjoni. — Parkeġġ u Bus Terminus

3.02 **Ref:55/0564/10/I:** L-uffiċċjal inkarigat tat-taqsima tax-xogħolijiet pubbliċi nforma lill-Kunsill li l-lampi ta' matul il-promenade, madwar sittin, qdiemu u jeħtieġ li jinbidlu. Gie deċiż li tinħareġ espressjoni ta' Interess għal dawl b'sistema ta' enerġija solari li għandhom ikunu jifilħu għall-maltemp u jirreżistu l-melħ. L-istess ufficjal għandu jagħti iktar dettali dwar x'tip ta' lampi huma meħtieġa. — Lampi ta' matul il-promenade

* Il-Kunsillier Raymond Tabone skuża ruħu u rtira mill-kamra.

3.03 **Ref:55/0586/10/I:** Is-Segretarju Eżekuttiv attendiet għal laqgħa organizzata mill-Wasteserv dwar kors bis-suġġett "Care Creates Change in People's Lives and the Environment": — Korsijiet mill-Wasteserv

Dan il-Proġett se jagħti opportunita lill-gruppi li huma soċjalment żvantaġġjati minn 16-il sena 'l fuq biex jaħdmu bi ħlas bħala *Resource Management Operators* mal-Wasteserv, li se jintagħżlu hekk kif ġej:

| | | | |
|---|---|---|---|
| 60 | School Dropouts | 8 | Drug Addicts |
| 12 | Vittmi ta' Vjolenza | 12 | Asylum Seekers |
| 8 | Ex-Convicts | | |

F'dan il-kors ser jitgħallmu dwar ħiliet bażiċi, ECDL, ikel tajjeb għas-saħħa u tisjir, teknika dwar bejgħ u komunikazzjoni, customer care, saħħa u sigurta fuq il-post tax-xogħol, tmexxija ta' finanzi personali, manifattura, ħiliet dwar il-mod kif wieħed jaħseb, maniġġ ta' konflitti, team building, kif tgħolli l-moral, resource waste management u kif tagħmel il-kompost.

Dan is-Seminar ħeġġeġ lill-kunsilli sabiex jagħtu sehemhom u jagħmlu użu minn dawn it-*trainers* la darba jkunu disponibbli sabiex inaqqsu kull tip ta' skart iġġenerat.

Dawn it-*trainers* ikunu jistgħu jagħmlu seminars għall-pubbliku bla ħlas. Il-proġett se jibda f'Marzu

2010.

Min ikun jaf xi persuni li jaqgħu f'din il-kategorija għandu jiġi mħeġġeġ sabiex jimla' applikazzjoni għal dan l-impjieg.

3.04 **Ref:55/0580/10/I:** Abbinat ma' din l-iskeda ġie deċiż li l-Kunsill japplika għal restawr tal-Akwedotti ta' Għajn Tuffieħa, il-funtana ta' Għajn Rażul, Mixjet Wirt Artna, ix-xelterijiet ta' San Pawl Milqi kif ukoll taċ-Ċentru ta' San Pawl il-Baħar, il-mitħna ta' taħt l-art tax-Xemxija kif ukoll dik privata ta' Burmarrad (wara li jinġieb permess mis-sid) kif ukoll San Pawl Milqi.

Memo 21/2010 Skema ta' Finanzjament għal Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar.

3.05 **Ref:55/0713/10/I:** Dan l-item flimkien mal-komunikazzjoni mibgħuta mill-Kunsillier Alfred Grima se jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss fejn għandu jkun presenti l-istess kunsillier.

Memo 23: Avviżi tal-MEPA dwar Applikazzjonijiet għal Żvilupp

3.06 **Ref:55/0826/10/I:** Il-Kunsill approva li jiffinanzja l-ammont ta' €500 lill-kappillan ta' San Pawl li hi parti mill-ispiża ta' €1 100 tal-banda li ser issir fl-okkażjoni tal-festa tal-Miġja ta' San Pawl f'Malta. Il-Kunsill jikkonferma li għandu jkun hemm il-bandiera tal-Kunsill matul il-marċ kif ukoll il-Kappillan għandu jirringrazzja lill-Kunsill waqt il-quddiesa u fil-fuljett li jinħareġ mill-istess parroċċa.

Banda nhar l-10 ta' Frar

Il-Kunsillier Mario Camilleri ppropona li għandu jerġa' jiġi rikostitwit forum tal-għaqdiet sabiex dawk li jkunu parti minn dan il-kumitat jistgħu jitolbu attivitajiet mal-Kunsill fejn għandhom ukoll jiġu inklużi l-knejjes. L-attivita' partikolari tkun taħt ic-*chairmanship* tal-kunsillier involut.

Issekondat din il-proposta is-Sindku Graziella Galea.

3.07 **Ref:55/1064/10/I:** Il-Kunsill approva t-talba tal-iskrivana Sandra Grech li tinsab fuq *parental leave* sabiex tirritorna lura għax-xogħol b'effett mill-1 ta' Marzu 2010 minflok Jannar 2011 fuq siegħat imnaqqsa, fuq talba tagħha, jiġifieri li taħdem ħames siegħat kuljum mit-8.00am sas-1.00pm mit-Tnejn sal-Gimgħa. Is-Segretarju Eżekuttiv ġabet il-permess meħtieġ mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex din l-iskrivana tidħol qabel iż-żmien li kien miftiehem qabel.

Impjieg

3.08 **Ref:55/0836/10/I:** Id-Dipartiment talab li l-kunsilli għandhom jieħdu l-passi medjati sabiex il-kuntratt il-ġdid dwar ġbir ta' skart organiku jinħareġ minnufih. Il-Kunsillier Perter Abela qal li wieħed għandu jistenna sakemm il-Kunsilli l-kbar joħorġu s-sejħa tagħhom sabiex wieħed jevelwa l-prezz mitfuħ peress li anke għall-offerti ta' kunsilli żgħar din qed taqbeż il-kwota tad-Dipartiment. Is-Sindku qalet li għandna naħdmu sabiex jiżdied il-ġbir ta' skart separat. Infurmat lill-Kunsill li għandha laqgħa mas-Segretarju Parlamentari fuq dan is-suġġett.

Memo 28/2010 – strateġija Nazzjonali dwar l-Immaniġjar tal-iskart.

Ġe deċiż li l-Kunsill għandu għaldaqstant jistennna ftit ieħor sakemm tinħareġ is-sejħa.

3.09 **Ref:55/ 0733/10/I:** Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut tal-e-mail hawn annessa u sostna li filwaqt li ma giex miżgwidat, iżomm l-istess pożizzjoni li dawn is-sigar m'għandomx jitneħħew.

Siġar fi Triq ix-Xitwa

310 **Ref:PA 57/09:** Il-Kunsill ħa nota tal-bidla fiz-*zoning* fil-limitu tal-għoli u *site coverage* skont in-*Northwest Harbour Local Plan* u ma sabx oġġezzjoni.

*Northwest Harbour Local Plan*

3.11 **Ref:55/0615/10/I:** Wara li tressqet talba mill-Kap tal-Kulleġġ Maria Reġina Skola Primarja San Pawl il-Baħar sabiex il-Kunsill jgħin fl-akkwist ta' disa' projectors (€4 500) u sitta u għoxrin laptop (€15 000), il-Kunsill hu tal-opinjoni li l-Kap tal-iskola titkellem mal-Ministru tal-Edukazzjoni dwar dawn il-bżonnijiet u dwar x'possibilta' ta' fondi mill-Ewropa hemm għal dan il-għan.

Kulleġġ Maria Reġina

**4.00 Skedi ta' Dħul, Pagamenti u Ordnijiet ta' Xogħol**

(a) L-iskeda ta' dħul għax-xahar ta' Jannar 2010 ammontat għal €299 751.87.

Rendikont ta' Dħul ta' Fondi

(b) L-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Jannar 2010 ammontat għal € 25 393.81 li ġiet approvata

Rendikont ta'

hekk kif ippreżentata. Ġiet ippreżentata wkoll skeda addizzjonali li ammontat għal € 47 516.65, fejn intalab l-invoices għal dan il-kont elenkat f'numru 937-943. Hruġ ta' Fondi

Din l-iskeda ġiet approvata hekk kif ippreżentata.

(c) Il-Kunsill approva l-lista ta' ordnijiet ta' xogħol għax-xahar ta' Novembru 2009 li ammontat għal €6 681.46 Lista ta' Ordnijiet tax-Xogħol

5.00 **Skema ta' Skart Separat**

Il-Kunsill approva li l-laqgħa tiġi sospiza sabiex l-uffiċjali tal-Greenpak u GreenMT jagħtu l-ispjega tagħhom individwalment lill-Kunsill.

Wara li tkompliet il-laqgħa s-Sindku ppreżentat il-proposta tal-*Greenpak* hawn annessa, filwaqt li l-uffiċjal tal-GreenMT intalab jibgħat il-proposti tiegħu. Il-Kunsill irid jiddeċiedi sa nofs Marzu dwar liema kuntrattur għandu jagħżel sabiex jiffirma l-kuntratt.

6.00 **Follow Up tal-Laqgħa Annwali tal-Lokalita**

Il-minuti li ġew ippreżentati ġew diskussi u mogħtija attenzjoni. Ġie nnutat li kien hemm attendenza zgħira u għas-sena d-dieħla minkejja li nġieb riklam fil-gurnal, fil-gazzetta tal-gvern, kif ukoll avviżi fuq in-*notice boards* u mibgħutha b'email lin-newsletter subscribers, għandu jintbagħat avviż f'kull dar.

Ma kienx hemm proposti imressqa mill-pubbliku sabiex isiru tibdiliet fil-budget imfassal mill-Kunsill u għaldaqstant ġie approvat hekk kif ippreżentat fil-laqgħa preċedenti.

7.00 **Kwotazzjonijiet:**

(a) Wara li spiċċat il-laqgħa tal-Kunsill preċedenti, il-kunsilliera kienu mistiedna għal preżentazjoni tas-sistema ta' irċevuti elettroniċi tal-kumpanija 2exel Systems. Il-Kunsill irċeva erba' kwotazzjonijiet hekk kif ġej: Sistema ta' Irċevuti Elettroniċi

| ***Cyberspace Solutions Ltd*** | € | ***Online Marketing Services*** | € |
|---|---|---|---|
| Sistema | 2,330 | Sistema u Installazzjoni | 4,500 |
| Installazzjoni | 500 | Manutenzjoni kull xahar | 120 |
| Manutenzjoni | 500 | | 4,620 |
| | 3,330 | ***2exel Systems*** | |
| ***Netpro Ltd.*** | | Sistema u Installazzjoni | 1,156.40 |
| Sistema u Installazzjoni | 3,600 | Sapport għall-ewwel sena-Phone-E-mail | 129.80 |
| Manutenzjoni kull xahar | 200 | | 1,286.20 |
| | 3,800 | Permessi addizzjonali | 80 + VAT |
| | | Rapporti addizzjonali | 80 + VAT |
| | | On-Site sapport (Kull siegħa) | 40 + VAT |
| | | Siegħat addizzjonali | 20 + VAT |

Ġie deċiż li peress li saret preżentazzjoni minn 2exel, it-tlett kumpaniji l-oħra għandhom jiġu mitluba jgħamlu preżentazzjoni tal-kwotazzjoni tagħhom fil-preżenza tas-Sindku Grazella Galea, il-Kunsilliera Peter Abela u Martin Zerafa.

(b) Risk Assessment għall-Uffiċini tal-Kunsill

Il-Kunsill irċeva disa' kwotazzjonijiet hekk kif ġej:

| | Isem | Ammont |
|---|---|---|
| 1 | Charles Azzopardi, 54, L-Aħwa Zammit Street, Qormi, QRM 3423 | € 250.00 |
| 2 | John Azzopardi, Triq il-Kunċizzjoni, Għaxaq | € 140.00 |
| 3 | Mr. Joseph Buhagiar, Design Solutions Ltd., 43, Main Street Balzan | € 354.00 |
| 4 | Mr. Mario Camilleri, Innovation Centre Appt 2, Tower Street, Swatar BKR 4012 | € 590.00 |
| 5 | MSB Valletta Ltd, 48, Lascaris Wharf, Valletta, VLT 1921 | € 413.00 |
| 6 | ISTC, Hal Far Road, Hal Far, BBG 3000 | € 460.00 |
| 7 | Manuel Magro, M's House Luigi Fontana Str, Zebbug | € 195.00 |
| 8 | David Sammut, 40, Fiaba, Carmel Street, Tarxien | € 500.00 |
| 9 | Nicholas Debono, Dolce Dimora, AM Valperga Street Fgura, FGR 1131 | € 198.00 |

Gie deċiż li ser tintagħżel l-orħos waħda li hi tas-Sur John Azzopardi għall-prezz ta' €140.00

**8.00 Espressjoni ta' Interess għall-Akkwist ta' Bini biex Iservi bħala Binja Amministrattiva tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Gie deċiż li kull membru tal-Bord jagħmel rapport tal-postijiet li żar filwaqt li jestendi din l-espressjoni ta' interess. Jekk hemm xi postijiet oħrajn li ma żarx, dawn jiġu inklużi fil-lista li jmiss.

**9.00 Attivita' Kulturali għal Frar 2010: L-400 Anniversarju tat-Torri Wignacourt**

Is-Sindku Graziella Galea infurmat lill-Kunsill li ntbgħatu xi flyers fil-lukandi. L-attivita' ser tibda fis-7 ta' Frar 2010 għal 10.30am u l-Prim Ministru ser iżur l-attivita' fil-12.15pm. Għall-attivitajiet tat-8 (ħarġa madwar il-ħames torrijiet tan-naħa ta' fuq ta' Malta) u 9 ta' Frar 2010 (taħdita dwar it-Torri Wignacourt) wieħed irid jibbukkja. Parti mill-fondi għal din l-attivita' ser jingħataw mill-Iskema tal-Attivitajiet Kulturali 2010.

Gie deċiż li l-Kunsill jalloka €2 000 għal spejjeż addizzjonali.

**10.00 Karnival 2010**

Il-Kunsill approva l-programm tal-Karnival 2010 għall-approvazzjoni tal-Kunsill li ġie ppreżentat mill-Kunsillier Frank Gauci.

**11.00 Aġġornamenti**

**Is-Sindku Graziella Galea**

11.01 Ipproponiet li tinħareġ *Espressjoni ta' interess.*

espressjoni ta' interess għall-pubblikazzjoni ta' magażin tal-Kunsill. L-abbozz għandu jintbagħat lill-Kunsillier Ray Bartolo qabel tinħareġ is-sejħa. Il-Kunsill approva.

11.02 Tinħareġ kwotazzjoni għal servizz ta' Minibus. Gie deċiż li niċċekkjaw dwar kemm għandha ddum valida kwotazzjoni. Il-Kunsill approva. *Kwotazzjoni għal servizz ta' Minibus.*

11.03 Peress li t-TCTC informa lill-Kunsill li l-għalliem u l-istudenti mhux qed iħossuhom komdi li l-korsijiet qed isiru fil-kazin tal-banda, ipproponiet li tinħareġ kwotazzjoni għal post fejn isiru l-korsijiet. Il-Kunsill approva. *Post għall-Korsijiet tat-TCTC*

11.04 Il-Kunsill ġie mogħti ħames kompjuters bla ħlas mill-*Malta Communications Authority* għall-użu tal-komunita. *Kompjuters*

Ġie deċiż li l-kunsilliera jressqu l-proposti tagħhom fil-laqgħa li jmiss.

11.05 Infurmat lill-Kunsill li fiz-zmien qrib għandha ssir l-elezzjoni għall-kumitat amminstrattiv taz-zoni ta' Burmarrad u l-Wardija. Kumitat Amministrattiv

**Il-Kunsillier Mario Camilleri**

11.06 Ressaq talba sabiex tissejjaħ laqgħa mal-kuntrattur Environment Landscape Consortium. Laqgħa ELC

**Il-Kunsillier Ray Bartolo**

11.07 Ippropona li l-Kunsill jerġa' japplika għall-proġett simili ta' dak li applika għalih taħt l-ERDF Measure 313 b'żieda ta' restawr u l-monument tan-Nawfraġju ta' San Pawl. Il-Kunsill qabel. F'dan l-istadju, il-Kunsill għandu jaħdem fuq l-*ownership deeds* tas-siti applikabbli. *ERDF*

**Il-Kunsillier Martin Zerafa**

11.08 Talab kopja tal-iskeda tal-knis tal-kuntrattur. Ġibed l-attenzjoni li fejn il-*carpark* tas-Santana qed ikun hemm xi ħmieġ. Skeda tal-Knis

**Il-Kunsillier Peter Abela**

11.09 Ippropona li jitpoġġew erba' siġriet fil-kwartieri tat-Taqsima tat-Tifi tan-Nar. Peress li hi art privata wieħed għandu jiċċekkja jekk dan hux permessibbli. Siġar

11.10 Napplikaw mal-Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta għall-one-way 'l fuq sal-iskola għall-Wardijafest. Wardijafest

11.11 Irrapporta żewġ karozzi abbandunati fil-Wardija. Il-Kunsillier Jason Camilleri se jkellem lil sidhom sabiex ineħħihom. *Risk Assessment*

11.12 Il-Kunsill għandu jiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur tal-Awtorita Dwar it-Trasport ta' Malta li fejn ingħata t-tarmak tħalliet biċċa miftuħa u li l-culvert li sar huwa aktar baxx mit-triq kif ukoll dorga perikoluża kif iddur minn naħa ta' fuq ta' Triq il-Madonna il-Abbandunati. Wardija

**Il-Kunsillier Frank Gauci**

11.13 Talab li jsir follow-up mal-perit dwar il-konkos approvat li jingħata f'Għajn Riħana. *Għajn Riħana*

11.14 Staqsa meta Triq San Ġorġ u Triq il-Laċċi se jingħataw kisja tarmak. Is-Sindku spjegat li din se tiġi nkluża mal-*Public Private Partnership* li se jinħareġ għall-kunsilli mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali . Għal Triq il-Laċċi, il-Kunsill qed jistenna l-permess mill-ADT u sadanittant għamel xi traqqiegħ biex itaffi l-problema. Triq San Ġorġ/ Triq il-Laċċi

**Il-Kunsillier Jason Camilleri**

11.15 Ġibed l-attenzjoni lill-Kunsill li s-Sur Joseph Vella tal-SVS showroom hu nteressat li jbiegħ il-propjeta li tista' tintuża bħala ċentru ta' matul il-jum fejn lest li jagħmlu aċċessibbli. *Binja*

**12.00 Egħluq tal-Laqgħa**

Peress li ma kienx hemm aktar x'jiġi diskuss il-laqgħa ntemmet fit-8.20pm. Il-laqgħa li jmiss ġiet skedata għal nhar il-Ħamis 4 ta' Marzu 2010 fil-5.30pm.

***Perit Graziella Galea** B.E.&A. (Hons), M.Sc. (Road Eng.), A.&C.E.*
***Sindku***

***Rose Camilleri** DPA*
***Segretarju Eżekuttiv***

25 ta' Frar 2010

ref: 55/ 1503 / 10/ Orc